**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 17 ta' Lulju 2017**

**Rikors Numru 12/2016**

**John Caruana**
**vs**
**L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ipprezentat minn **John Caruana** fit-12 ta' Frar 2016 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"__FATTI__*

*1. ILLI l-esponent huwa xufier tal-karozzi tal-linja b'permess mahrug mill-Awtorita' intimata.*
*2. ILLI fis-26 t'April 2011 l-esponent tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fuq akkuzi relatati ma' serq ta' scaffolding.*
*3. ILLI meta gara dan u matul il-kawza kollha, l-esponent qatt ma kellu nkwiet bix-xoghol tieghu.*
*4. ILLI tenut kont l-entita' zghira tal-kaz in kwistjoni, l-esponent refa' r-responsabbilita' u l-Qorti kkoncedietlu li tapplika d-disposizzjoni tal-Ligi l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u l-kawza nqatghet f'dan is-sens fil-25 ta' Marzu 2015 fejn l-esponent inghata sentenza sospiza.*
*5. ILLI ghalkemm kienet saret kawza civili kontrih, u stante li s-socjeta' in kwistjoni fehmet illi kwazi kwazi lanqas ma kien hemm bazi ghaliha, l-istess socjeta' attrici halliet il-kawza tmur dezerta.*

6. ILLI wara li nqatghet il-kawza fil-konfront tieghu, l-esponent baqa'jahdem, bhala xufier mal-Awtorita' intimata bla xkiel.
7. ILLI fil-21 ta' Mejju, 2015, l-istess Qorti li kkundannat lill-esponent irriduciet il-limitazzjoni fuq il-licenzja ta' sewqan wara li semghet illi l-esponent kien xufier.
8. ILLI dan l-ahhar, l-esponent kellu japplika sabiex igedded il-permess ta' xufier peress illi kienu skadewlu l-hames snin li ghalih l-istess permess ikun validu, u dan skont l-Artikolu 22 tar-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri.
9. ILLI meta gie biex jaghmel dan, l-Awtorita' rrifjutat l-applikazzjoni tieghu abbazi tal-fatt illi nstab hati ta' reat liema m'hijiex raguni valida fil-Ligi.

## ***RAGUNI GHAT-TALBIET***

8. ILLI d-decizjoni tal-Awtorita' sabiex il-permess tal-esponent ma jigix imgedded hija arbitrarja ghall-ahhar u timmerita rikunsiderazzjoni u dan ghas-segwenti ragunijiet:
i) Skont ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, ''tag'' tfisser mezz ufficjali ta' identifikazzjoni maghruf mill-Awtorita' li tikkoncedi lid-detentur ta' dik it-tag id-dritt li jsuq vettura tat-trasport tal-passiggieri ghall-kiri jew bi hlas''; filwaqt illi ''permess ta' xufier'', skont ir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri huwa l-permess stess li wiehed irid jikseb sabiex ikun jista' jahdem ta' xufier, fil-fatt, Regola 22 tal-istess Regolamenti jipprovdi:
''L-Awtorita' ghandha, meta taghti permess lix-xufier skont dawn ir-regolamenti, taghti lill-applikant li jghaddi, tag ta' xufier li turi li dik il-persuna nghatat permess ta' xufier.''
Huwa car allura li ''permess ta' xufier'' u ''tag'' m'humiex interkambjabbli. Ghalhekk, fejn l-Awtorita', fid-decizjoni taghha, tikkwota Regola 130A tar-Regolamenti, li ghandha x'taqsam biss mat-tags moghtija lix-xufiera (fil-fatt fil-margini tal-istess Regola wiehed isib il-kliem ''ilbies tat-tag u l-uniformi''), din m'ghandhiex tapplika ghall-kaz in ezami ghaliex dak li l-esponent talab huwa li jigi mgedded il-permess ta' xufier. B'daqshekk Regola 130A ta' dawn ir-Regolamenti, iccitat mill-Awtorita' m'hijiex applikabbli.
ii) Bla pregudizzju ghal dan, tali Regola titkellem biss fuq meta wiehed ikun qieghed ifittex **jikseb** tag u mhux meta qieghed japplika ghat-**tigdid** tal-istess, wisq inqas tigdid ta' permess. Ghal din ir-raguni wkoll tali Regola hija insostenibbli bhala bazi ghar-rifjut tal-applikazzjoni tal-esponent.
iii) Barra minn hekk, l-esponent kellu permess validu ghaz-zmien kollu bejn id-data tal-fatti doluzi (20 t'April 2011) u d-data ta' skadenza tal-istess permess u cioe' fil-bidu ta' Jannar 2016 (apparti z-zmien li ghalih kienet sospiza l-licenzja ta' sewqan kif ordnat mill-Qorti). Issa skont l-istess Regolamenti ccitati mill-Awtorita', u cioe' r-Regolamenti dwar is-Servizz ta' Garr ta' Passiggieri, ''valida'' ''ghandha tigi assocjata ma' kull licenzja legittima kif mahruga mill-Awtorita' kompetenti, u, li tfisser li dik il-licenzja hi fis-sehh u kurrenti ghall-perjodu indikat fuq il-licenzja minhabba f'li d-detentur tal-licenzja **ssodisfa u ghadu jissodisfa ghal kollox l-obbligi skont dawn ir-regolamenti**.'' Dan ifisser illi anke wara s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, skont ir-Regolamenti ccitati mill-Awtorita', l-esponent ssodisfa u kien ghadu jissodisfa **ghal kollox** l-obbligi skont l-istess Regolamenti. Ghalhekk ma jistax imbaghad jinghad illi l-esponent f'daqqa wahda meta gie biex igedded l-permess tieghu ma kienx jissodisfa l-istess obbligi li kien jissodisfa qabel meta kien fl-istess cirkostanzi li qieghed issa u cioe' wara s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.
iv) Bla pregudizzju ghal dan kollu, dan l-Onorabbli Tribunal ghandu jinnota wkoll illi tal-izbalji li ghamel, l-esponent diga' gie kkundannat u ppenalizzat u ma hemmx lok illi jerga' jigi kkundannat ghal-istess fatti b'dan il-mod. Bid-decizjoni tal-Awtorita', l-esponent qieghed jerga' jigi ggudikat ghall-ghemil li sar hames snin ilu, u li ghalih il-Qorti ga akkordatlu l-piena. Tassew, ikun nuqqas kbir min-naha ta' dan l-Onorabbli Tribunal jekk

*ma jinnegax d-decizjoni tal-Awtorita' u dan ghaliex tali decizjoni tammonta ghal vjolazzjoni tad-drittijiet tal-esponent taht il-principju ta' ne bis in idem peress illi ghandu kull dritt kemm taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll taht l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, illi ghall-izbalji tieghu ma jigix penalizzat darbtejn.*
*v) Apparti dan, ghandu jinghad ukoll illi l-mertu tal-akkuzi migjuba fil-konfront tal-esponent ma kienu ta' ebda relevanza u qatt ma jistghu jaffettwaw il-qadi ta' dmirijietu bhala xufier.*
*vi) Fil-fatt fil-qadi ta' dmirijietu, l-esponent qatt ma kellu kwistjonijiet jew rapporti fil-konfront tieghu u dejjem qed dmirijietu b'impenn, diligenza u sens ta' kburija.*
*vii) Barra minn hekk, matul l-ahhar hames snin minn meta sar l-incident, l-esponent ma kkommetta ebda infrazjoni jew kontravenzjoni tal-Ligi, b'dan illi dan l-ahhar hames snin l-esponent dejjem gab ruhu ta' cittadin responsabbli tas-socjeta' u hekk jixtieq ikompli jaghmel.*
*viii) Jisthoqq illi jiggeddidlu l-permess ta' xufier ukoll minhabba l-fatt illi l-esponent huwa ragel responsabbli tant illi fil-kawza migjuba kontra tieghu wera certu rgulija meta mal-ewwel ammetta l-izbalji tieghu, gharaf li ghamel hazin u refa' r-responsabbilita' ta' ghemilu. Dan juri mhux biss l-irgulija tieghu, izda l-karattru sod tieghu kif ukoll illi gharaf li l-agir tieghu kien zball, wiehed li ma regax u ma jergax jikkommettih.*
*ix) Tant jisthoqqlu li l-permess jiggedded illi l-Qorti tal-Magistrati li kkundannatu, tatu sentenza sospiza. Zgur illi l-Qorti ma kinitx taghmel dan li kieku hasbet illi ma kienx kapaci jaghmel xoghlu matul il-perjodu li s-sentenza tkun sospiza. Barra minn hekk, fil-21 ta' Mejju 2015, l-istess Qorti li kkundannat lill-esponent irriduciet il-limitazzjoni fuq il-licenzja ta' sewqan wara li semghet illi l-esponent kien xufier. Li kieku ma hasbitx li kien jista' jaqdi dmiru bhala tali, l-Qorti zgur ma kinitx taghmlu dan. Min-naha tieghu, il-Kummissarju tal-Pulizija ma oggezzjonax ghal tali riduzzjoni, dan juri fic-cert illi l-prosekuzzjoni hija tal-istess fehma tal-Qorti.*
*x) Fl-ahhar mill-ahhar, barra l-fatt illi l-Awtorita' ma haditx konjizzjoni ta' dawn ir-ragunijiet kollha meta hadet id-decizjoni taghha, jidher illi ma haditx in konjizzjoni lanqas il-fatt li l-esponent huwa ragel mizzewweg u missier ta' tlett itfal li lkoll jiddependu fuqu ghall-ghejxien taghhom. Ma hemm l-ebda raguni ghalfejn dawn ghandhom ibatu l-konsegwenzi ta' ghemil missierhom ta' hames snin ilu billi l-uniku breadwinner tal-familja jispicca bla xoghol b'dan il-mod u l-familja tieghu ma jkollhom lil hadd iehor jahdem ghal gidhom."*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` intimata** pprezentata fil-11 ta' Marzu 2016 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"1. Illi l-allegazzjonijiet, l-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk dawn il-proceduri huma frivoli u vessatorji hekk kif sr jigi muri fil-kors ta' dawn il-proceduri;*
*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-su-eccepit, id-decizjoni tal-Awtorita' intimata hija ragjonevoli, gusta u legali u, konsegwentement, ghandha tigi konfermata in toto u l-proceduri mressqa mir-rikorrent ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez;*
*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-su-eccepit, kif afferma r-rikorrent stess fl-att promotur, huwa recentament applika mal-Awtorita' intimata ghal-tigdid ta' permess ta' xufier ai termini tar-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri. Tali process jesigi li l-Awtorita' intimata tosserva r-regolamenti li jinsabu fis-sehh meta ssir tali applikazzjoni, ossia osservanza u adempiment tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 u dan a bazi tal-principju ta' tempus regit actum. Illi fid-data tal-applikazzjoni tar-rikorrent, ir-regolamenti 9 (1) (e) kien jippreskrivi hekk: ''Persuna ma tkunx meqjusa li hi ta' kondotta tajba jekk... ghal perjodu ta' zmien li jkun daqs dak tal-piena ta' prigunerija moghtija, meta l-Qorti*

*tista' tordna li sentenza bhal dik m'ghandhiex tibda ssehh skont l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, liema perjodu ghandu jibda jghodd mid-data ta' meta inghatat is-sentenza.'' L-operat tal-Awtorita' intimata f'dan il-kaz kien li ssegwi din il-Ligi. Ghalhekk, iddecizjoni taghha kienet, u ghadha, wahda gusta u lecita;*
*4. Illi b'estensjoni ghall-eccezzjoni precedenti, jigi sottolineat illi hemm certi okkupazzjonijiet u professjonijiet li biex wiehed ikun jista' jipprattikahom irid ikollu kondotta tajba u li jekk dan ma jkunx il-kaz, jista' ma jithalliex jipprattikahom jew, jekk ikun diga' qed jipprattikahom, jista' fl-interess tas-socjeta' ma jithalliex ikompli jipprattikahom billi jew titnehhielu l-warrant bhal fil-kaz ta' professjonisti bhal avukati, tobba, eccetera, jew okkupazzjonijiet ohra bhal dik tar-rikorrent. Dan hu s-sens tar-regolament citat supra;*
*5. Ghaldaqstant it-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra taghha."*

Ra d-dokumenti ipprezentati;

Sema' x-xhieda ta' Sylvana Bartolo u tar-rikorrent;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors gie mholli ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 19 ta' Jannar 2016 li permezz ta*g*hha gie mgharraf illi l-applikazzjoni tieghu ghat-tigdid ta' permess ta' xufier kienet qed tigi rifjutata kemm ai termini tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 (Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur) u kemm a tenur tal-Legislazzjoni 499.56 (Regolamenti Dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri) peress li nghata sentenza fil-25 ta' Marzu 2015.

Ir-rikorrent spjega illi qabel applika biex igedded il-permess in kwistjoni kien ilu jahdem bl-istess permess hames snin.

It-Tribunal ra l-fedina penali esebita bhala Dokument SB1 a fol. 77 sa 80 tal-process u ha *judicial notice* tas-sentenza fil-konfront tar-rikorrent ippubblikata fuq is-sit tal-Ministeru tal-Gustizzja, minn fejn jirrizulta illi fil-25 ta' Mejju 2015 ir-rikorrent gie misjub hati ta' serq ta' oggetti li l-valur taghhom ma jeccedix l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewo u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ta' tentattiv ta' feriti gravi, li kkaguna feriti hfief u li saq vettura b'mod perikoluz. Illi ghal dawn ir-reati l-imputat gie kkundannat tmintax (18)-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn u sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur.

Illi t-Tribunal jirrileva illi biex xufier ikun jista' jsuq vettura bil-mutur ghall-kiri ai termini tal-Legislazzjoni 65.11 u biex ikun jista' jsuq vettura ghall-garr

ta' passiggieri ai termini tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56, irid ikollu permess ta' xufier jew kif aktar komunament maghrufa it-*tag* ta' identifikazzjoni mahruga mill-Awtorita` intimata. Illi din it-*tag* generalment tkun valida ghal perjodu ta' hames snin mid-data li fiha jinghata l-permess ta' xufier jew perjodu iehor iqsar kif specifikat fuq l-istess permess jew tikketta, sakemm ma jkunux revokati jew sospizi.

Illi in vista tas-sentenza su citata l-Awtorita` intimata ma geddidtx it-*tag* lir-rikorrent stante li ai termini tar-Regolament 130A (3) tal-**Legislazzjoni Sussidjarja 65.11** (Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur) *"L-imsemmija tag tinhareg biss mill-Awtorità lil dak ix-xufier li -*
*(a) ikollu l-licenza tas-sewqan adatta,*
***(b) fil-fehma tal-Awtorità jkollu kondotta tajba,***
*(c) jattendi b'mod regolari kors ta' taghlim approvat mill-Awtorità u jghaddi mill-ezami fi tmiem l-imsemmi kors"*

Illi mbaghad Regolament 130A (4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 jispjega illi *"(a) Persuna ma tkunx meqjusa li hi ta' kondotta tajba jekk....**tkun instabet hatja, matul l-ahhar hames snin, ta' reat li tista' tehel piena dwaru ta' zmien ta' prigunerija ta' tliet xhur jew aktar jew multa ta' mill-inqas erba' mija u hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centemzu (€465.87),***
***(b) tkun instabet hatja, matul l-ahhar sentejn, ta' reati li jkollhom x'jaqsmu mat-traffiku jew mar-regolamenti dwar it-trasport stradali"***

Illi jekk wiehed jiehu s-sentenza tal-25 ta' Marzu 2015 fil-perspettiva ta' Regolament 130A (4) (a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 jirrizulta illi l-Awtorita` intimata kienet gustifikata li ma ggeddidtx it-*tag* ai termini tal-istess legislazzjoni ghaliex ir-reat ta' serq ikkwalifkat bil-valur u bil-persuna igorr mieghu piena ta' massimu ta' **tlett snin**, filwaqt li r-reat ta' tentattiv ta' feriti gravi ai termini tal-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali jgorr mieghu piena sa **massimu ta' disa' snin prigunerija** mnaqqsa bi grad jew tnejn. Illi ghalhekk, ir-rikorrent seta' jehel piena ta' prigunerija ta' iktar minn tliet xhur dwar l-istess reati.

Illi l-abbli difensur tar-rikorrent sahaq illi s-subregolament (a) jrid jinqara u jittiehed in konsiderazzjoni mas-subregolament (b). Dan ifisser illi biex l-Awtorita` intimata tkun tista' tirrifjuta t-tigdid tat-*tag* ir-rikorrent irid ikun ma ssodisfax iz-zewg subregolamenti b'mod kumulattiv. Illi t-Tribunal ma jaqbel xejn ma' dan l-argument. Illi kieku din kienet l-intenzjoni tal-legislatur allura kien jindika dan b'mod car u jkun hemm "u" wara l-ewwel subregolament. Ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita` intimata applikat l-istess disposizzjoni skond l-ispirtu tal-ligi. Illi pero`**,** anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss, is-sottomissjoni maghmula mid-difensur tar-rikorrent kienet tregi, xorta wahda l-Awtorita` intimata kienet gustifikata li ma ggeddidx it-*tag*

u dan stante li r-rikorrent permezz tas-sentenza su citata instab hati wkoll ta' reat li kellu x'jaqsam mat-traffiku, u cioe`, r-reat ta' sewqan perikoluz ai termini tal-artikolu 15 (1) (a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta'Malta (Att Dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku). Pero`, dan it-Tribunal jerga' jirribadixxi li z-zewg subregolamenti huma indipendenti minn xulxin u dan kif gie deciz ukoll f'appelli simili quddiem dan it-Tribunal fosthom ***James Camilleri vs l-Awtortia` ghat-Trasport f'Malta***[1] u ***James Agius vs Transport Malta***[2] fejn fl-istess sentenzi pero` dan it-Tribunal kien ghamel rakkomandazzjoni lill-Ministru koncernat biex isiru emendi ghal dan ir-Regolament fejn jidhlu reati minuri tat-traffiku.

Illi mbaghad ai termini tar-Regolament 18 tal-**Legislazzjoni Sussidjarja 499.56**, biex applikant jinghata permess ta' xufier irid ukoll jissodisfa r-rekwizit ta' reputazzjoni u kondotta tajba. Taht dawn l-ahhar Regolamenti, reputazzjoni u kondotta tajba huma hekk kif definiti f'Regolament 9 (1), minbarra l-paragrafu (g) tieghu, u skond ir-Regolament 9 (2).

Illi Regolament 9 jistipula s-segwenti:-

*"(1) Persuna ma titqiesx li tissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba:*
*(a) jekk hija tkun instabet ħatja ta' xi reat kif jidher fit-Titolu I tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali jew tal-artikoli 198, 199, 203, 203A, 204, 204A, 204B, 204Ċ, 205, 211, 212, 213, 217, 218, 220, 238(a), 245, 248B, 248Ċ, 248D tal-Kodiċi Kriminali;*
*(b) għal dak il-perjodu ta' żmien meta hija tkun qiegħda tiskonta piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar;*
*(ċ) għal dak il-perjodu ta' żmien li jiġi minnufih wara dak iż-żmien li hija tkun għamlet tiskonta piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar li tkun ingħatat lil dik il-persuna għal reat jew reati marbuta ma' vjolenza fuq persuna oħra, liema perjodu jkun:*
*(i) sena fir-rigward ta' pieni ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar iżda li ma jkunux aktar minn sena;*
*(ii) daqs iż-żmien ta' priġunerija li għalih persuna bħal dik tkun ikkundannata piena ta' priġunerija ta' aktar minn sena iżda li tkun inqas minn għaxar snin; u*
*(iii) għaxar snin fir-rigward ta' pieni ta' priġunerija ta' għaxar snin jew aktar;*
*(d) għal dak il-perjodu ta' żmien li jiġi minnufih wara ż- żmien li tkun għamlet tiskonta piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar, minbarra pieni li tkun ingħatat fir-rigward ta' dik il-persuna għal reat jew reati marbuta ma' vjolenza fuq persuna oħra, liema perjodu*
*jkun:*
*(i) daqs iż-żmien ta' priġunerija li għalih persuna bħal dik tkun ġiet ikkundannata piena ta' priġunerija ta' inqas minn ħames snin; u*
*(ii) ħames snin fir-rigward ta' pieni ta' priġunerija ta' ħames snin jew aktar;*
***(e) għal perjodu ta' żmien li jkun daqs dak tal-piena ta' priġunerija mogħtija, meta l-Qorti tista' tordna li sentenza bħal dik m'għandhiex tibda sseħħ skont l-artikolu***

[1] Deciza minn dan it-Tribunal fis-7 ta' Marzu 2017
[2] Deciza minn dan it-Tribunal fis-6 ta' Marzu 2017

***28A tal-Kodiċi Kriminali, liema perjodu għandu jibda jgħodd mid-data ta' meta tkun ingħatat is-sentenza;***
*(f) għal perjodu ta' sena minn meta tkun ġiet imposta multa jew multi li flimkien ikunu jammontaw għal mhux inqas minn erbat elef euro (€4,000) imposti fit-tnax-il xahar ta' qabel fuq persuna għal reat jew reati marbuta ma' vjolenza jew għal reat jew reati skont l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, l-Att, l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur jew reat jew reati skont kull regolament li jsir taħthom;*
*(g)......*
*(h) tkun instabet ħatja li wettqet xi reat bħal dawk taħt xi liġi ta' pajjiż jew territorju barra minn Malta:*
*Iżda meta l-Qorti tordna li se ntenza sospiża tidħol fis-seħħ, il-perjodu li dwaru l-Awtorità għandha tirrifjuta li toħroġ il-liċenza skont il-paragrafu relevanti ta' dan is-subregolament wara li tkun ingħatat dik l-ordni, għandu jiġi mnaqqas bil-perjodu, jekk ikun hemm, li matulu l-persuna tkun diġà ġiet miċħuda lilha l-liċenza mill-Awtorità għall-istess reat skont il-paragrafu (e):*
*Iżda wkoll meta l-applikant kellu inqas minn tmintax-il sena meta wettaq ir-reat, il-perjodi msemmija fil-paragrafi (ċ), (d) u (e) m'għandhomx ikunu ta' aktar minn sentejn.*

*(2) Għall-finijiet biex jiġi stabbilit jekk persuna hijiex ta' reputazzjoni u kondotta tajba skont is-subregolament (1), il-frażi "sentenza" m'għandhiex tinkludi:*

*(a) ordni ta' probation mogħtija skont l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 5 tal-Att dwar il-Probation tal-Ħatjin u li tkun ġiet osservata mill-probationer jew ordni għal-liberazzjoni assoluta jew taħt kundizzjoni mogħtija taħt l-artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 9 tal-Att dwar il-Probation tal-Ħatjin li tkun ġiet osservata; jew*
*(b) sentenza għat-twettiq ta' reat li dwaru persuna li tkun ġiet misjuba ħatja tiġi mogħtija maħfra mill-President ta' Malta skont l-artikolu 93(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; iżda dan il-paragrafu għandu jkun japplika biss mid-data li fiha l-President ta' Malta jkun ta maħfra bħal dik; jew*
*(ċ) sentenza li fil-waqt tal-applikazzjoni tagħha tkun qiegħda taħt appell;*
*(d) sentenza għat-twettiq ta' reat li –*
*(i) twettaq qabel id-19 ta' Mejju 2009;*
*(ii) twettaq minn persuna li kellha tag ta' xufier valida maħruġa lilha mill-Awtorità qabel id-19 ta' Mejju 2009; u*
*(iii) ingħatat mill-anqas ħames snin qabel id-data li fiha tkun saret applikazzjoni għat-tiġdid tat-tagta' xufier u tal-permess ta' xufier."*

Illi jekk wiehed jerga' jiehu in konsiderazzjoni s-sentenza tal-25 ta' Marzu 2015 fil-perspettiva tar-Regolament appena citat, jirrizulta illi l-Awtorita` intimata wkoll kienet gustifikata li ma ggeddidx tali permess u dana ai termini tar-Regolament 9 (1) (e), u cioe`, meta persuna tkun ikkundannata ghal sentenza sospiza, hija ma tinghatax permess ta' xufier ghall-perjodu ta' prigunerja li gie sospiz, f'dan il-kaz tmintax(18)-il xahar. Illi ghalkemm it-Tribunal m'ghandux indikazzjoni tad-data meta r-rikorrent issottometta l-applikazzjoni tieghu, huwa cert li kienu ghadhom m'ghaddewx tmintax-il xahar stante li d-decizjoni tal-Awtorita` intimata harget f'Jannar 2016 u

ghalhekk inqas minn sena wara li nghatat is-sentenza tal-25 ta’ Marzu 2015. Dan ifisser illi r-rikorrent ried jistenna mill-inqas jghaddu sena u nofs mill-25 ta’ Marzu 2015 biex jerga’ japplika, liema applikazzjoni jirrizulta li llum saret u l-permess ai termini tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 gie moghti.

Illi ghaldaqstant it-Tribunal isib li l-Awtorita` intimata mxiet u interpretat il-ligi korrettament. Filwaqt li t-Tribunal jifhem illi x-xoghol ta’ xufier huwa l-hobza ta’ kuljum tar-rikorrent, l-Awtorita` intimata ma kellha l-ebda diskrezzjoni jekk tirrifjutax jew le it-tigidid tat-*tag*. Il-ligi ma taghmel l-ebda eccezzjoni u ghalhekk l-Awtorita` trid timxi fuq dak rikjest minnha mill-istess ligi. Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jikkonferma d-decizjoni appellata.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet fuq esposti qieghed jichad l-appell tar-rikorrenti filwaqt li jilqa’ l-eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**